MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 487/2003

**Mob*isle* Communications Limited**

**vs**

**Isabelle Haidon u Mario Cachia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta’ Frar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallasu lis-socjeta attrici is-somma ta’ sitt mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm621.33) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuti lil Mob*isle* Communications Limited skond Client Contract Number 01906 in rigward ghal servizzi lilhom rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Otturbru u Mejju 2002.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 20 ta’ Dicembru 2002 u dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment mal-Aviz u bl-imghaxijiet Avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta’ mitejn u wiehed u tmenin lira Maltin u tlieta u tletin centenzmu (Lm281.33).

Ra li l-konvenuta Isabelle Haidon dehret fis-seduta tat-13 ta’ Frar, 2004 fejn ammettiet t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ra li l-konvenut Mario Cachia ghalkemm debitament notifikat, naqas milli jidher u milli jipprezenta Risposta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenuti ihallasu lis-socjeta attrici is-somma ta’ mitejn u wiehed u tmenin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm281.33) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 20 ta’ Dicembru 2003 u dawk tal-mandat ta sekwetru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------